# Monumenti fil-Mosta (3)

George Cassar Ph.D.



■ Fost il-monumenti li nsibu hemm dawk li jfakkru xi persuna li għamlet ġieħ lill-Mosta. Dawn il-monumenti jikkonsistu fi statwi tal-personalità partikulari li juruha f'xi poża jew sitwazzjoni marbuta magħha.




**Il-Monument lil E.B.Vella**

■ Sewwa sew f'tarf it-triq li ġġib ismu hemm monument tal-bronż ta' l-istudjuż u edukatur Emmanuel Benjamin Vella. Kien personalità marbuta ferm mill-viċin ma' din il-belt għal diversi raġunijiet. Fost dawn nistgħu nsemmu li twieled il-Mosta u kiteb ktieb fuq il-Mosta bl-isem *Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha.*

L-iskultur imqabbad jagħmel dan ix-xogħol kien Ġanni Bonnici. Hu poġġa lil Vella bil-qiegħda fuq ħaġra li turi disinn preistoriku mit-tempji megalitiċi Maltin. Dan għamlu għax E.B. Vella kien jiddelitta bl-arkeoloġija. Ma setgħux jonqsu wkoll il-kotba u l-pinna, oġġetti marbutin sew ma' Vella li kien kittieb prolifiku u studjuż fuq dak li hu Malti, u mhux inqas fuq l-istess ilsien ta' art twelidu.

Il-monument ta' E.B. Vella sar fl-1997 fuq inizjattiva tal-Kunsill Lokali tal-Mosta. Jikkonsisti fl-istatwa li turi lil E.B. Vella liebes libsa kompluta bis-sidrija u l-lobbja. Dawn il-ħwejjeġ kienu tipiċi fis-snin tletin u li juru wkoll il-pożizzjoni soċjali ta' E.B. Vella – dik ta' persuna ta' skola u mlaħħqa. L-istatwa tistrieħ fuq kolonna baxxa ta' l-irħam li ġġib isem E.B. Vella u d-dati tat-twelid u l-mewt. Hemm imbagħad taħtha, poġġuta u tħares 'l fuq lapida li tgħid:

Is-Surmast Mosti
edukatur kbir
li ħabb l-istorja ta' artu
bl-ilsien u l-arkejoloġija tagħha
u kiteb ukoll
l-Istorja tal Mosta bil-Knisja Tagħha

Fuq wara tal-pedestall hemm kliem li jfakkar l-inawgurazzjoni ta' dan il-monument. Dan jgħid:

Inawgurat mis-Sur Nazzareno Vassallo Sindku
għall-okkażjoni ta' Jum il-Mosta
Illum 12 ta' Settembru 1997

E.B. Vella twieled il-Mosta fl-20 ta' Ġunju 1899. Kien għalliem li wara laħaq uffiċjal edukattiv. Ta' min jgħid li Vella ħa l-edukazzjoni formali tiegħu fl-iskejjel primarji tal-gvern u billi qara kotba li fetħulu l-orizzonti għal dak li kien qed jiġri madwaru. Sar assistent surmast (għalliem).

Mar St. Mary's College, Londra, fejn speċjalizza fl-edukazzjoni. Fl-Università ta' Londra studja wkoll għal xi żmien l-ilsna orjentali. Laħaq surmast ta' l-iskejjel u aktar 'il quddiem ġie maħtur ukoll spettur ta' l-iskejjel primarji. Kien għalliem ħabrieki u kien iħobb il-kitba u t-tiftix. Tant hu hekk li kien iħobb l-arkeoloġija, l-istorja u l-lingwi. Fil-qasam ta' l-arkeoloġija fittex qalb il-fdalijiet antiki li kienu jinstabu fil-Mużew Nazzjonali imma wkoll mar fuq is-siti megalitiċi ta' Ħal Saflieni, Ħaġar Qim, L-Imnajdra u t-Tempji ta' Ħal Tarxien. Bħala storiku kiteb numru ta' kotba fuq lokalitajiet Maltin. Dawn kienu: *Ħaż-Żabbar u l-Ġrajja Tiegħu* (1927), *Iż-Żejtun u Marsaxlokk* (1927), *Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha* (1930), *Storja ta' Raħal Ġdid u Ħal Tarxien* (1932), *Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata Tagħha* (1934), u *Storja tar-Rabat u l-Imdina* (1945) flimkien ma' għadd ta' kitbiet oħra.

Bħala edukatur Vella kien strumentali fil-pubblikazzjoni ta' kotba għat-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel primarji. Is-sensiela *Ġabra ta' Ward* (żewġ kotba 1930-35) ħa ħsiebha hu. Għallem ukoll l-ilsien Ingliż lil dawk li kienu qed jitħarrġu biex isiru għalliema. Kiteb ukoll *The Teaching of English in our Primary Schools* (1946).

Miet fit-2 ta' Mejju 1946 u ġie midfun fiċ-ċimiterju ta' Marija Addolorata.

L-iskultur Ġanni Bonnici twieled il-Mosta fl-1932 u studja l-arti fil-Malta School of Art. Matul il-karriera tiegħu ta' artist speċjalizza f'numru ta' ċentri ta' taħriġ ta' l-arti f'pajjiżi differenti. Għallem l-arti, iċ-ċeramika u l-iskultura. Ħadem ħafna xogħolijiet ta' skultura fosthom fil-Mosta, bħall-Monument lill-Qalbenin Mostin. Ġanni Bonnici ngħata numru ta' unuri u premjijiet.

---

***Referenzi***

Mifsud Bonnici, R., *Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku Nażżjonali* (Malta, 1960).
Schiavone, M.J. u Scerri, L.J. (ed.), *Maltese Biographies of the Twentieth Century* (Malta, 1997).
Borg, J. u Sant, J.A., *It-Toroq tal-Mosta: Ismijiet u Tagħrif Dwarhom* (Malta, 1998).

